MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Numru 465/1996

PULIZIJA
SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR
VS
EMANUEL AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emanuel Aquilina ta' 57 sena bin il-mejjet Salvatore u Giuseppa nee Baldacchino imwieled St Julians u joqghod Mount Carmel, St Andrew's Road, St Julians ID Card No 878339M personalment u bhala persuna responsabbli ghal Rainbow Mix Concrete Limited, Wied Incita, Rabat Road, Attard talli f'dawn il-gzejjer matul l-ahhar snin, fil-kariga tieghu ma Rainbow Mix Concrete Limited b'diversi azjonijiet maghmula fi zminijiet diffferenti u b'risoluzjoni wahda bhala persuna li thaddem u/jew manager u/jew ufficjal principali iehor u/jew pagatur u ghaldaqstant il-persuna responsbbli skond l-artikolu 23(1) tal-Att XVIII ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (hawn izjed il-quddiem imsejjah l-Att) u r-Regola 28 tar-Regoli tan-1972

dwar Tnaqqis ta’ Taxxa (PAYE) (hawn izjed il-quddiem imsejjha ir-Regoli) wara li thallsu amolumenti taxxabbli taht l-Artiklu 4(1)(b) u/jew (d) ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq l-income kap 123 bi ksur tad-disposizzjonijiet li ser jissemmew:-

1. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi zmien preskritt it-Taxxa imnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jaghmel skond l-artikolu 23(1) ta’ l-Att u r-regola 12(1)(a) tar-regoli u dan ghal perjodu Gunju 1986 sa Frar 1996 u ghar-rigward ts-somma ta’ Lm1480.
2. Naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiz-zmien preskritt il-prospett/I dettaljat/I skond l-artikolu 23(2) ta’ l-Att u r-regola 12(1)(1) tar-regoli u dan ghar-rgiward tal-prospett/I ghal perjodu fuq imsemmi.
3. Naqas milli jibghat fiz-zmien preskritt ir-return (il-prospett/dokumenti) annwali li jikkonsistu fil-formoli P3, P6 u P7 ghas-sena/snin 1986 sa 1988 skond l-artikolu 23(2) ta’ l-Att u r-Regola 14 tar-Regoli.
4. Approprija ruhu, billi dawwar ghalih jew ghal persuna/I ohra is-somma ta’ Lm1480 li hu zamm that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, bi ksur ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-kap 9 u b’dannu lill-Gvern ta’ Malta u ta’ diversi impjegati ta’ Rainbow Mix Concrete Limited.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-31 ta’ Lulju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel u r-raba akkuza.

Rat il-verbal tal-31 ta’ Lulju 2003 fejn l-prosekuzzjoni irtirat it-tieni u t-tielet akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba akkuza u wara li rat Art 23 AttXVIII tan-1994, Reg 28(2)(1) tar-regoli 1972 dwar Tnaqqas ta' Taxxa (PAYE), Art 293 u 294 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disa xhur.

Filwaqt li ghar-rigward tal-ewwel u r-raba akkuza il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawriet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------